MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 102/2005

**Avviz numru 102/05DM**

**Sergio Sciberras (ID 96071 M)**

**Vs**

**Jesmond Sant (ID 17766 M) u martu Rita Sant (ID 151865 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, tmien mija, disgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm4,829.39) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata u sa llum mhux imhallsa nonostante diversi nterpellazzjonijiet, flimkien ma’ l-imghax mid-data ta’ kull fattura.

Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-mandat ta’ qbid kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Sant fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-konvenuta mara hija separata *de facto* minn ma’ zewggha l-konvenut l-iehor u ilhom hekk sa minn Mejju tas-sena 2003;

2 Il-gestjoni tan-negozju msemmi huwa mihux biss amministrat mill-konvenut ragel izda ukoll kull qliegh mill-istess negozju huwa percepit minnu;

3 Id-djun maghmula fil-gestjoni ta’ dan in-negozju, huma a kariku tal-konvenut ragel;

4 L-artikolu 1324 tal-Kodici Civili jvesti l-amministrazzjoni ta’ l-atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dan il-kummerc u ghalhekk il-konvenuta mara mhijiex responsabbli ghall-allegat dejn gjaladarba hija m’ezercitatx kummerc;

5 Salvi eccezzjonjiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sant fejn ecceppixxa illi:

1 Il-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta’ separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

2 Hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor.

3 Minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz *de quo* huma dovuti, semmai ghandhom jigu mhallsa nofs b’nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-attur, senjatament id-dokumenti u l-konteggi precizi minnu esebiti, jirrizulta ampjament illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-attur fis-somma mitluba fl-Avviz li tirrapprezenta prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata meta kienu l-istess konvenuti jiggestixxu n-negozju taht l-isem ‘Save and Smile’ fi Bridge Street, Mosta.

Minn naha ta’ l-istess konvenuti huma b’ebda mod ma gabu xi prova biex jikkontestaw dawn l-ammonti rizultanti mid-dokumenti esibiti mill-attur.

Dak li pero’ tikkontesta l-konvenuta Rita Sant huwa illi hi ma ghandiex tigi tenuta responsabbli ghall-hlas ta’ ebda parti mill-kreditu dovut lill-attur billi ssostni illi ghalkemm kienet mizzewga mal-konvenut Jesmond Sant u kellhom bejniethom vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti, hija ma kinetx kompartecipi f’dan in-negozju li kien jezercita’ zewggha u ghalhekk ma ghandhiex tigi tenuta responsabbli ghad-djun li seta’ ghamel zewggha fin-negozju li kien jezercita’ esklussivament wahdu.

Pero’ il-konvenuta ma pproduciet ebda provi in sostenn ta’ dak li qeghda tallega, izda kien l-attur biss illi pprezenta bizzejjed provi illi huma ndikattivi illi, mhux biss il-konvenuta Rita Sant kienet taf u kienet tippartecipa fin-negozju li kien gestit fl-hanut “Save & Smile” tal-Mosta, izda minn dawn il-provi jirrizulta illi l-istess Rita Sant kienet tiehu f’parti attiva principali fl-ezercizzju u l-gestjoni ta l-istess negozju tant illi anke n-negozjati sabiex l-attur seta’ ha lura xi merkanzija u gew akkreditati l-konvenuti, kienu saru ma’ Rita Sant f’isimha proprju u ghan-nom ta’ zewgha.

Jirrizulta ukoll illi b’din l-ahhar transazzjoni, permezz ta’ liema l-attur kien irtira hafna mill-merkanzija illi huwa kien biegh lill-konvenuti, l-istess konvenuti kienu gew akkreditati bil-valur ta’ din il-merkanzija kif jirrizulta mill-istatement esebit dokument ‘SS1’ a fol. 16 tal-process.

B’hekk l-kreditu ta’ l-attur kontra l-konvenuti issa nizel ghas-somma komplessiva ta’ elf, seba’ mija, sitta u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM1,766.81).

Ghaldaqstant, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, issib illi t-talba attrici hija gustifikata fil-konfront taz-zewg (2) konvenuti u konsegwentement qeghda tilqa’ it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ridotta ta’ elf, seba’ mija, sitta u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,766.81) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Ottubru, 2004.

Bl-ispejjez kollha, stante illi l-konvenuti naqqsu d-debitu taghhom fil-mori ta’ din il-kawza, jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------